Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 239/2016

Il-Pulizja

Spettur Jonathan Ransley

Vs

Dennis Cilia

Illum 27 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Dennis Cilia detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 257276 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'xi hin matul il-gurnata tad-29 ta' Mejju 2012, fi Triq l-Imdina, Attard:

1. Ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz meta giet mimlija l-formula tal-*front to rear*, ai termini tal-Artikolu 185(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Ghamel falsfikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan it-titolu, u cioe` mela' dettalji foloz fuq il-formula tal-*front to rear* ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

4. Kif ukoll talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-2 ta' Mejju, 2016, fejn il-Qorti hasset illi l-imputat ta' informazzjoni falza meta kienet qed tintmela d-dikjarazzjoni *front to rear* u ghalhekk ghandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 185(2) izda ma gietx ippruvata it-tieni akkuza ghaliex ma harigx mill-provi li dan id-dokument effettivament jintuza ghal xi awtorita` pubblika apparti ghall-assikurazzjonijiet tal-partijiet. Ugwalment it-tielet akkuza ma gietx ippruvata u dan a bazi tal-insenjament tal-Qorti tal-Appell fid-decizjoni hawn fuq citata.

Illi in kwantu ta' piena li ghandha tigi nflitta il-Qorti tinnota li l-fedina tal-imputat hija wahda pjuttost kulurita fejn dan kien inghata diversi sentenzi ta' sentenzi sospizi u mid-dehra qatt ma tghallem u ghal dan il-motivi u peress li hemm l-addebitu tar-recidiva inghatat piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li rat l-Artikoli 185 (2), 188, 189 u 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat **Dennis Cilia** hati biss tal-ewwel (1) akkuza u stante illi l-addebitu tar-recidiva gie ippruvat ikkundannatu ghal tmien (8) xhur prigunerija effettivi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Dennis Cilia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fejn filwaqt illi **TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lil l-appellant hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement **TILLIBERAH** minnha, **TIKKONFERMA** s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn illi l-Qorti ma sabitux hati tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu; jew alternattivament

**<u>TIRRIFORMA</u>** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Dennis Cilia huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

**A. Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti**

Illi l-appellant jinsab akkuzat illi nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) f'St. Catherine Street, H'Attard huwa fornixxa lill-persuna l-ohra li habtet mieghu dettalji foloz dwaru meta dan kien qed jimla' l-formola ghan-nom tieghu.

Fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni ressqet lill-persuna l-ohra li l-appellant habat maghha u cioe' Carl Debono, Edwin Debono (missier Carl Debono) u cioe' dik il-persuna li mela l-formola, Stephen Cachia in rappresentanza ta' Transport Malta sabiex jikkonferma fuq min qieghda l-vettura tal-marka Skoda u l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jonathan Ransley sabiex jixhed dwar l-investigazzjonijiet tal-kaz odjern. Illi l-appellant ghalkemm m'huwiex obbligat li jixhed iddecieda li jixhed u jispjega l-fatti tal-kaz kif graw.

Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-imputat m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt.* Cio' nonostante pero' l-imputat ghazel li jixhed u jaghti d-deposizzjoni tieghu.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid

il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Illi fl-ewwel lok jibda biex jinghad illi l-Ufficjali tal-Pulizija meta waslilhom ir-rapport huma baghtu ghall-appellant u hadulu stqarrija fejn hu cahad kategorikament li kien iffalsifika xi dokumenti jew ta' informazzjoni falza jew zbaljata. Jigifieri irid jinghad illi l-appellant mill-bidu nnega l-involviment tieghu u dan kompla jikkonfermah bil-gurament tieghu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Fil-fatt, l-appellant quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa ghazel illi jixhed allavolja seta' ma xehedx fejn mhux biss ikkonferma bil-gurament tieghu l-kontenut tal-istqarrija tieghu izda wkoll spjega l-akkadut u ta' kif graw l-affarijiet. Fil-fatt, huwa jispjega illi d-dettalji fil-formoli illi gew imnizzla ma gewx mimlija minnu peress illi hu la jaf jikteb u lanqas jaqra izda mlihom missier il-persuna li habat maghha fejn hu sempliciment wiegeb ghad-domandi li ghamillu din il-persuna li pprezenta ruhu bhala missier dak li habat maghha:

*Difiza: Mela dawn id-dettalji Darren Cilia 31 Mint Street etc min ghamilhom?*

*Xhud: Jiena din lanqas imlejtha jiena din.*

*Difiza: Mela min imliha dik il-formola?*

*Xhud: Imliha l-iehor.*

*Difiza: Il-persuna li maghha kellek dan l-incident?*

*Xhud: Lanqas jerga qal li hu missieru, li ha jigi u qal li hu missieru.*

*Difiza: Mela gie ragel iehor illi pprezenta ruhu bhala missier il-persuna li hbatt maghha.*

*Xhud: Ehe hekk hu.*

*Difiza: U mela l-formola hu?*

*Xhud: Hekk hu ehe.*

*Difiza: Dik handwriting tieghek jew le?*

*Xhud: Le, le lanqas missejtha b'idi jien.*

*Difiza: Jekk joghgbok mela inti xi hadd kien qed jaghmillek xi domandi?*

*Xhud: Dan li qal li hu missieru.*

...

*Difiza: Issa jekk joghgbok inti l-indirizz tieghek x'inhu?*

*Xhud: 31 Mill Street, H'Attard, Triq il-Mithna.*

*Difiza: Mela inti ghidtilna Mill Street l-ewwel imbaghad ghidtilna Triq il-Mithna.*

*Xhud: Triq il-Mithna, Mill Street u Triq il-Mithna huma l-istess.*

*Difiza: Issa min nizzel Mint Street? Mint Street inti ktibtha?*

*Xhud: Le, le.*

*Difiza: Issa jekk joghgbok l-ID Card number min nizzlu f'dik il-formola?*

*Xhud: Ovjament hu nahseb.*

*Difiza: Inti f'xi hin urejtu l-ID Card tieghek?*

*Xhud: Ma talabiliex, talabni l-ID Card number u tajtulu.*

*Difiza: Issa l-firma li hemm hemm isfel ta' min hi?*

*Qorti: L-ID Card tajjeb kien?*

*Difiza: Le hemm numru wiehed li ma jaqbilx 2 ma 3.*

*Difiza: Il-firma li hemm hemm jekk joghgbok. . .*

*Xhud: L-ebda wahda ma hija tieghi.*

*Difiza: L-ebda wahda ma hija tieghek. Issa s-sur Debono qed jghid ukoll li inti ghidtlu li kellek polza ta' assigurazzjoni mahruga millMiddlesea Insurance.*

*Xhud: M'ghidtlux hekk jiena.*

*Difiza: Mela x'ghidtu inti?*

*Xhud: Untours.*

*....*

*Pros: Naqblu li dak id-dokument gie mimli mill-parti l-ohra ghax int kif ga ghidt ma tafx tikteb u taqra ghalhekk ma ntlietx minn ghandek imma giet mimlija minn haddiehor?*

*Xhud: Le jiena qalli biex naghtih il-particulars tieghi u tajthomlu.*

*Pros: Hu ghax talabhomlok il-particulars?*

*Xhud: Ovjament imhabba l-accident.*

*Pros: Imma jekk nghidlek li hareg il-formola tal-bumper to bumper naqblu il-front to rear biex nifthemu, harigha quddiemek jew le?*

*Xhud: Ija dazgur mela.*

*Pros: U inti rajtu jimliha din il-akrta?*

*Xhud: Rajtu ija.*

*Pros: U mliha hu ghax inti ma tafx tikteb u taqra?*

*Xhud: Ma nafx naqra u nikteb.*

Inoltre l-appellant jispjega illi huwa mhux vera ta' dettalji hziena lil din il-persuna izda kif spjega ben tajjeb quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa mhux biss ma tahx dettalji hziena izda ma kienx hemm raguni ghala kellu jtih dettalji hziena. Dan ghaliex kif spjega tant tajjeb l-appellant bil-gurament tieghu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, it-tort tal-incident ma kienx tieghu u kellu kemm licenzja tas-sewqan kif ukoll polza ta' assikurazzjoni u ghalhekk anke kieku rrizulta illi l-incident kien imputabbli lill-appellant huwa kien se jkun kopert mill-assikurazzjoni ghall-hlas tad-danni.

*Difiza: Hu qed jghid illi inti ghidtlu li jismek Darren Cilia x'ghandek xi tghid dwar dan?*

*Xhud: Le mhux veru, ovjament m'ghandix ghalfejn, licenzja u insurance ghandi jigifieri m'ghandix ghalfejn naghti dik id-dikjerazzjoni falza.*

*…*

*Difiza: Untours Insurance. Issa l-polza ta' l-insurance tieghek kienet up to date jew le?*

*Xhud: Ija mela.*

*Difiza: Il-licenzja kienet up to date?*

*Xhud: Ovjament.*

*Difiza: Kellkom hsarat kbar f'din il-bumper to bumper?*

*Xhud: Jiena ma kelli xejn infatti ghidtlu tista tmur, ghidtlu darba ohra ghoqod attent, qalli imma rrid nimla l-karta bumper to bumper minhabba l-insurance.*

*Difiza: Inti xi darba ghamillek xi talba ghal hlas fuq din il-vettura?*

*Xhud: Le s'issa minn nahha ta' l-insurance ta' l-Unrtours u minn nahha ta' l-insurance tan-nahhha tieghu.*

*Difiza: Fil-mument illi sehh l-incident intlabt tohrog polza ta' lassigurazzjoni?*

*Xhud: Le.*

*Difiza: Inti ggor kopja tal-polza mieghek fil-karozza.*

*Xhud: Iva.*

*Difiza: U l-licenzja tas-sewqan tkun fuqhek is-soltu?*

*Xhud: Ma nafx dakinhar kienetx fuqi jew le.*

Illi din il-verzjoni tal-fatti tikkontrasta sew mal-verzjoni moghtija kemm mit-tifel (Carl Debono) u cioe' dik il-persuna illi habat maghha l-appellant kif ukoll mal-verzjoni moghtija minn missier it-tifel (Edwin Debono). Fil-fatt, it-tnejn li huma kkonfermaw dak li qal l-appellant u cioe' li kien l-appellant stess illi tahom id-dettalji ghax huwa ma jafx jikteb u jaqra izda t-tnejn

jghidu li l-appellant ma tahomx dettalji tajba. Fil-fatt, Carl Debono jghid hekk:

*Xhud: … ma kellniex il-formola tal-bumper to bumper u cempilt lil missieri biex igibilna formola, sadanittant lahaq gie habib tieghi fuq il-post ukoll. Insomma mbaghad gabilna l-karta u qalilna li lanqas jaf jaqra.*

*Pros: Il-habib tieghek li gablek il-karta x'jismu?*

*Xhud: Luke Camilleri. Qalilna li lanqas jaf jaqra u jikteb u mbaghad missieri ddecieda li jaqra kollox li hemm fuq il-karta u nizzel laffarijiet kif hemm miktub fuq il-formola ta' hawnhekk.*

*Pros: Il-karta min imliha jigifieri?*

*Xhud: Il-papa tieghi u xhud ta' dan jigifieri hemm jiena, missieri u lhabib tieghi wkoll.*

*Pros: Ghandek amment liema dettalji ma qablux?*

*Xhud: L-isem, l-indirizz u l-Insurance Company.*

*Pros: Tista tghidilna x'hemm hazin fihom?*

*Xhud: Mela lili hawnhekk fil-karta qalli li jismu Darren li fil-fatt mill-istharrig ta' l-insurance u hekk qaluli li kien Dennis, l-address qalilna li 31 Mint, Street, Attard u l-Insurance Company qalli li jisimha Middlesea Insurance.*

*Pros: U x'jisimha fir-realta?*

*Xhud: Untours.*

*Pros: U ffirmaha l-karta mbaghad, x'ghamel?*

*Xhud: Iva ffirmaha.*

Il-missier Edwin Debono xhud migjub mill-Prosekuzzjoni jghid illi:

*Xhud: X'hin wasalna raw xi hsarat kien hemm, ippruvaw jirrangaw bejniethomm pero' mbaghad iddecidew li jimlew il-formola talbumper to bumper, imbaghad morna biha ghand l-Insurance. Pero' x'hin ha nimlew il-*

*formola, l-formola hemm section vettura A u vettura B, qal li ma kienx jaf jikteb u ssuggerejtilhom ghidtilhom ha nimlijielkom jiena. Imbaghad imlejtielhom, kitbuha, qrajtielhom u ffirmawha, jigifieri fuq il-karta hemm ilfirma tat-tnejn Carl Debono u Darren Cilea.*

*Qorti: Inti ghidtlu li ha tiktibielu inti?*

*Xhud: Iva.*

*Qorti: U x'qallek?*

*Xhud: Ghax ma kienx jaf jikteb, qal "jien ma nafx nikteb".*

*Qorti: All right, x'qallek?*

*Xhud: Accetta bhal speci ma nnegax il-fatt.*

*Qorti: U nahseb hemmhekk hemm fejn jiffirma hux hekk?*

*Xhud: Iva, isfel nett il-firma tat-tnejn li huma.*

*Qorti: U l-informazzjoni li hemm go fiha minn fejn gibtha?*

*Xhud: Li hemm go fiha kif tahieli hu, bhala isem u x'insurance ghandu tahieli hu.*

*Pros: X'kien hemm li ma kienx tajjeb?*

*Xhud: Niftakar qalli "jien jisimni Darren Cilia" dak li hemm miktub filkarta, u qalli fejn joqghod l-indirizz u tani l-ID li ktibtu u x'hin saqsejtu x'insurance hija qalli Middlesea Insurance. Fil-fatt wara t-tnejn irridu mmorru ghand l-insurance tana u x'hin mort ghand l-insurance eventwalment l-insurance infurmatna illi lisem huwa zbaljat, mhuwiex ezatt korrett skont l-ID Card tieghu u anke l-insurance, hu qalli Middlesea Insurance u ccekkjajna mal-Middlesea qalilna dik il-karozza mhix inxurjata maghna.*

*Qorti: Jigifieri dawk huma z-zewg affarijiet li ma kienux l-istess, linsurance u l-isem?*

*Xhud: Iva, fil-fatt x'hin mort biha ma ndunawx mill-ewwel.*

*Qorti: Kien hemm xi haga ohra jew daqshekk?*

*Xhud: Dak li kien hemm hux.*

*Pros: Dak kollox Sur Magistrat.*

Illi ghalhekk fil-kaz odjern l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kunfliggenti. Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil- kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt':

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi l-appellant ghalhekk jissottometti illi mix-xhieda guramentata tieghu u tax-xhieda kemm tal-missier kif ukoll tat-tifel u in vista ta' provi ohra migjuba jirrizulta kunflitt qawwi ta' provi liema kunflitt ghandu jimmilita favur l-akkuzat. Fil-fatt, dan il-kunflitt fil-provi mhux biss inissel dubju serju dwar x'gara ezatt dakinhar izda jnissel dubju serju dwar kemm kellu xi involviment l-appellant innifsu. Dan ghaliex kif spjega ben tajjeb quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti l-appellant mhux biss ma tahx dettalji hziena izda ma kienx hemm raguni ghala kellu jtih dettalji hziena stante illi t-tort tal-incident ma kienx tieghu u kellu kemm licenzja tas-sewqan kif ukoll polza ta' assikurazzjoni u ghalhekk anke kieku rrizulta illi l-incident kien imputabbli lill-appellant huwa kien se jkun kopert mill-assikurazzjoni ghall-hlas tad-danni. Inoltre, huwa pjuttost inverosimili illi ta' xi dettalji hziena ghax kieku kemm il-missier kif ukoll it-tifel kienu jindunaw bid-dettalji hziena u ghalhekk kienu jitolbuh xi tip ta' dokumenti bhal karta tal-identita', licenzja tas-sewqan, ecc sabiex jikkonfermaw id-dettalji moghtija mill-appellant. Fi kliem iehor, l-appellant ma kienx se jirriskja jaghti dettalji hziena bhal dawk meta kien ikun ferm facli ghall-partijiet l-ohra illi jikkonfermaw tali dettalji billi jsaqsuh ghal xi dokumenti halli jkun jista' jissostanzja dak li kien qed jghid.

**B. Applikazzjon zbaljata tal-artikolu 185 tal-Kodici Kriminali**

Illi l-appellant filwaqt li jipprotesta l-innocenza tieghu jirrileva illi jekk jinstab hati tal-ewwel akkuza huwa ghandu jinstab hati taht l-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht l-Artikolu 185 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Artikoli 185, 188 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu s-segwenti:

*185. (l) Bla ħsara tal-każijiet imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jekk uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, minħabba l-kariga jew l-impieg tiegħu, hu fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni jew ċertifikat, jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin.*

*(2) Meta l-falsifikazzjoni ssir minn xi persuna li mhix uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż ta' awtorità, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.*

*188. (1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:*

*Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.*

*(2) Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija li ma tkunx iżjed minn sena jew multa.*

*189. Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.*

*(2) Meta l-falsifikazzjoni ssir minn xi persuna li mhix uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż ta' awtorità, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Illi l-appellant gie akkuzat bir-reati taht l-Artikoli 185 (2), 188 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi r-reati in dizamina jittrattaw differenzi bejn il-falz materjali u ll-falz ideologiku.

Issa, kif intqal fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Galea** fis-17 ta' Ottubru tas-sena 1997:

*"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-każ tal-falz materjali d-dokument jiġi ffalsifikat fl-essenza tiegħu, fil-falz ideoloġiku d-dokument ikun ffalsifikat biss fis-sustanza u cjoe` fil-kontenut ideali tiegħu (ara Antolisei, F. Manuale di Diritto*

*Penale – V.VI, n. 2296 – 829). Ikun hemm falsita` materjali meta ddokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tiegħu), mentri fil-falz ideoloġiku, għalkemm id-dokument ikun ġenwin 'non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero'. Għall-finijiet taddottrina in tema ta' falsita` jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F. op, cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprimi ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jieħu imqar temporanejament il-messaġġ – karta, parċmina, injam, ġebel, ħadid, plastik, ecc."*

Dan ifissser illa d-dokument in kwistjoni kien dokument ġenwin iżda kien allegatament jikkontjeni dikjarazzjonijiet inveritjeri. Jiġifieri hawn si tratta ta' falz ideoloġiku. Konsegwentement la huwa applikabbli l-artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (ara, per eżempju, Il-Pulizija v. Raphael Axiaq, 30 ta' Diċembru 2009), lanqas l-Artikolu 185 u lanqas l-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (ara, per eżempju, Il-Pulizija v. Paul Galea, 17 ta' Ottubru 1997).

Illi mill-provi akkwiziti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li jekk semmai l-appellant ghandu jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni din l-istess imputazzjoni ma tinkwadrax ruhha taht l-Artikolu 185 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda taht l-Artikolu 188 jew l-Artikolu 189 tal-istess Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Peress illi l-appellant allegatament ta informazzjoni falza fis-sens li *non e veridico perche colui che lo ho formato gli fa dire cose contrario al vero* u ghalhekk id-dikjarazzjonijiet foloz maghmula minnu stante illi l-appellant la hu ufficjal pubbliku u lanqas kien fid-dmir illi jaghti tali informazzjoni u ghalhekk id-dikjarazzjonijiet foloz maghmula minnu ghandhom ikunu ai termini tal-Artikolu 188 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'

Malta. Lanqas m'ghandu jkun hemm dubbju li dan id-dokument ma kienx mahsub ghal xi awtorita pubblika izda biss semmai ghall-kumpanija tal-assikurazzjoni.

Illi semmai jekk l-appellant jinstab hati illi ta dikjarazzjonijiet foloz dan ghandu jinkwadra taht l-Artikolu 188 stante illi allegatament l-appellant xjentement ta' l-istess dikjarazzjonijiet foloz sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu f'xi dokument mahsub mhux ghal awtorita' pubblika u ghalhekk seta inghata l-piena alternattiva ta' multa minflok prigunerija effettiva.

**C. Piena Erogata**

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' piena ta' tmien (8) xhur prigunerija effettiva meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li filmaggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema*

*restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq ittajba"*

F'dan l-istadju l-appellanta taghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla.

> *Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli**, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga... u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin**... **li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**... Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba***

***specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat*** *oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali* ***ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.***

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

*"Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446.*

F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Farrugia:**

*"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152;*

*il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.***

Ghalhekk il-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' ta' tmien (8) xhur prigunerija meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti hassu aggravat mid-decizjoni impunjata billi dehrlu illi l-apprezzament maghmul tal-atti probatorji ma kellux iwassal lill-Ewwel Qorti ghal sejbien ta' htija ghall-ewwel akkuza kif dedotta kontrieh. Premess dan huwa evidenti illi dak li qed tigi imsejjha biex taghmel dina l-qorti ta' revizjoni huwa li tissindika dik id-diskrezzjoni fdata lill-Ewwel Qorti fl-evalwazzjoni li hija ghandha taghmel tal-provi. Qajla ghandha ghalfejn din il-Qorti terga' ittenni illi tali diskrezzjoni ghandha tigi iddisturbata biss fejn jista' jigi riskontrat errur gravi ta' gudizzju fid-decizjoni impunjata li tista' twassal ghal ingustizzja fil-konfront tal-persuna/i akkuzata/i. Dan l-element guridiku gie affermat *funditus* u kemm il-darba mill-qrati fi stadju ta' revizjoni.

Issa l-gravam ewlieni ta'l-appellanti jinsab fil-fatt illi fil-fehma tieghu l-Ewwel Qorti malament wasslet ghal konkluzjoni illi l-appellanti volutament ghadda informazjoni falza meta imtliet id-dikjarazzjoni *front-to-rear* wara incident awtomobilistiku li huwa kellu ma' certu Carl Debono. Jishaq illi huwa la jaf jikteb u lanqas jaqra u kwindi huwa ma kienx a konnoxxenza ta' l-informazzjoni li giet mimlija f'dan id-dokument minn missier dan Debono li ha l-izbriga li jikkumpilah u wara l-appellanti iffirma l-istess. Illi anke jekk *gratia argomenti* l-Qorti kellha temmen il-verzjoni ta' Debono u missieru u cioe' li kien l-appellanti li ghadda l-informazzjoni personali falza meta kienet qed timtela din il-formola, xortawahda ma kellhiex tirrizulta reita' ghall-ewwel akkuza mahsuba fl-artikolu 185(2) tal-Kap.9, izda semmai kellu jirrizulta ir-reat li jitkellem dwaru l-artikolu 188(2). Illi l-Qorti jidhirllha li qabel xejn ghandu jigi indirizzat dan l-aggravvju li jivventila punt ta' dritt dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 185(2) tal-Kodici Kriminali ghall-fattispecje ta' dan il-kaz, billi l-istess jista' jincidi fuq l-ezitu ta' dan l-appell.

Issa l-artikolu 185(2) tal-Kap.9 jitkellem dwar falsifikazzjoni li tista' tkun kemm wahda materjali kif ukoll ideologika bl-awtur Manzini jaghti spjegazzjoni semplicistika tad-distinzjoni bejn it-tnejn meta jaghmel differenza bejn in-*non-genuinita'* tad-dokument opposta ghan-*non-veridicita'* tieghu fejn allura fil-falz materjali id-dokument ma ikunx genwin, filwaqt li f'dak ideologiku ikun wiehed genwin izda jkun jikkontjeni informazzjoni inveritjiera[1]. L-artikolu 188(2), minn naha l-ohra jikkontempla biss il-falz ideologiku, izda mhux ukoll dak materjali. Ukoll,

***"Dak li hu rikjest, ghalhekk, ghall-fini ta' dan ir-reat, cioe' ghar-reat taht is-subartikolu (2) tal-Artikolu 185, hu li (i) xi persuna li ma tkunx ufficjal jew impjegat pubbliku, izda li (ii) minhabba l-kariga jew impieg taghha ("by reason of his office", fit-test ingliz) hi fid-dmir li taghmel jew taghti dikjarazzjoni jew certifikat, (iii) taghmel jew taghti***

[1] App.Krim Il-Pulizija vs Paul Muscat 30/07/2004

***dikjarazzjoni jew certifikat falz propju in konnessjoni ma xi haga li taqa' fl-ambitu tal-kariga jew impieg taghha[2].”***

Illi huwa ghalhekk illi il-falsifikazzjoni fil-kaz ta’ dan ir-reat jista’ ikun kemm wiehed materjali kif ukoll ideologiku ghaliex mhuwiex daqstant marbuta man-natura tal-falsifikazzjoni, izda mal-kariga okkupata mill-awtur tieghu, li allura irid necessarjament ikun il-persuna li ghandu d-dmir li johrog dikjarazzjonijiet jew certifikati u li b’abbuz ta’din l-awtorita vestita fih jaghmel xi forma ta’ falsifikazzjoni li ghalhekk tista’ tkun kemm ‘il wahda kif ukoll l-ohra. L-artikolu 188 jitkellem izda dwar taghrif falz jew dikjarazzjoni falza li jinghata f’dokument u li allura jista’ ikun biss il-falz ideologiku.

Illi maghmula ghalhekk din id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg reati li titkellem dwarhom il-ligi taghna huwa evidenti illi qatt ma setghet tinstab reita’ mill-Ewwel Qorti fl-appellanti ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 185(2) tal-Kodici Kriminali, liema reat gie ifformulat fl-ewwel akkuza migjuba kontrieh, izda semmai setghet tirrizulta l-htija ghat-tieni akkuza li minnha l-appellanti gie illiberat mill-Ewwel Qorti, ghalkemm f’dan il-kaz jirrizulta ir-reat fis-subinciz 2 ta’l-artikolu 188 billi d-dokument ma kienx mahsub ghall-xi awtorita pubblika izda biss ai fini ta’ assigurazzjoni. Kwindi l-appellanti ghandu ragun fl-aggravvju minnu intentat billi huwa ma ghamilx xi dikjarazzjoni falza b’abbuz ta’ xi kariga okkupata minnu, izda sabiex jikseb vantagg ghalih, element tant essenzjali sabiex jissussisti r-reat taht l-artikolu 188(2), u cioe’ sabiex huwa ma ikunx jista’ jigi rintraccat u ihallas id-danni minnu ikkagjonati f’dan l-incident stradali li fih kien involut, volutament ghadda taghrif personali falz – fattispecje li ghalhekk jinkwadraw rwiehom perfettament fir-reat tal-falsifikazzjoni ideologika li jitkellem dwarha ir-reat inkorporat fit-tieni imputazzjoni, ghalkemm ikkontemplat fis-sub-inciz 2 ta’l-artikolu 188.

[2] App.Krim. Il-Pulizija vs Carmel sive Charles Attard deciza 02/09/1999

Izda gjaldarba l-Avukat Generali ma ressaq l-ebda lanjanza in konnessjoni mad-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti li hija guridikament u legalment skorretta fl-interpretazzjoni moghtija tad-dritt kif imfisser, din il-Qorti hija idejha marbuta u ma tistax issa issib htija hi ghal akkuza li l-appellanti gie illiberat minnha u li dwarha ma sarx appell.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u allura d-decizjoni impunjata qed tigi imhassra u irrevokata u l-appellanti illiberat minn kull htija u imputazzjoni.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur